MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2003

Avviz Numru. 189/1999/1

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**TEG Industries Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma komplessiva ta’ tmien mija u erba’ u tmenin lira u disa’ u disghin centezmu (Lm884.99) komplessivament in kwantu ghas-somma ta’ seba’ mija u tmenin lira u seba’ u tmenin centezmu (Lm780.87) prezz ta’ merkanzija lill-konvenut mibjugha u kkonsenjata u in kwantu ghas-somma ta’ mija u erba’ liri u tnax il-centezmu (Lm104.12) imghaxijiet legali mis-socjeta’ konvenuta dovuti fuq l-istess sad-data tal-avviz.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legli mid-data tal-avviz sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 18 tal-atti;

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fil-25 ta' Gunju 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm884.99,0 bl-imghaxijiet legali mit-8 ta' Frar 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------